



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006
KUMM(2006) 926 finali

2006/0293 (COD)

-

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li temenda

id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar impriżi għal investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' poteri mogħtija lill-Kummissjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li temenda

id-Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi dwar impriżi għal investimenti kollettivi f'titoli trasferibbli (UCITS) fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' poteri mogħtija lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL- UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 47(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat³,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 85/611/KEE⁴ tistipula li għandhom jiġu adottat ċerti miżuri skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li jfasslu l-proċeduri biex ikunu eżerċitati l-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni⁵.
- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE li daħħlet proċedura regolatorja bi skrutinju biex tiġi użata għall-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni ta' firxa ta' użu ġenerali li jkollhom l-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, fosthom billi jitneħħew dawk l-elementi jew billi ssir żieda ma' l-istrument permezz taż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali
- (3) Skond l-istqarrija konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni⁶ dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, strumenti li bħalissa qegħdin fis-seħħ għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbli. Dik l-istqarrija tindika lista ta' strumenti li għandhom ikunu aġġustati b'urġenza, fosthom id-Direttiva 2005/1/KE. Biex din id-Direttiva ssir konformi, id-Direttiva 91/675/KE għandha tiġi emendata.

¹ ĠU L [...], [...], p. [...].

² ĠU L [...], [...], p. [...].

³ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁴ ĠU L 375, 31.12.1985, p. 2. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2005/1/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 79, 24.3.2005, p. 9).

⁵ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23 Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

⁶ ĠU C255, 21.10.2006, p. 1.

- (4) B'mod partikolari l-Kummissjoni għandha tingħata l-poter li tadotta miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 85/611/KEE skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, biex ikunu adottati emendi tekniċi li jiċċaraw id-definizzjonijiet biex tkun assigurata applikazzjoni uniformi tad-Direttiva 85/611/KEE madwar il-Komunità, biex it-terminoloġija u d-definizzjonijiet jiġu konformi ma' atti sussegwenti dwar il-UCITS u materji relatati. Peress li daww il-miżuri huma ta' firxa ġenerali, u huma maħsuba biex jiġu emendati elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 85/611/KEE, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju kif stipulat fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (5) Id-Direttiva 85/611/KEE għandha għaldaqstant tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Peress li l-emendi li jridu jsiru għad-Direttiva 85/611/KEE huma aġġustamenti ta' natura teknika li jaffettwaw biss lill-proċedura ta' kumitat, m'hemmx il-ħtieġa li dawn jiġu ttrasposti mill-Istati Membri. Għalhekk mhux meħtieġ li wieħed jagħmel dispożizzjonijiet għal dan.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Artikolu 53a u 53b tad-Direttiva 85/611/KEE għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 53a

Il-Kummissjoni għandha tadotta emendi tekniċi għal din id-direttiva fl-oqsma li ġejjin:

(a) kjarifika tad-definizzjonijiet biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi ta' din id-Direttiva madwar il-Komunità;

(b) konformità tat-terminoloġija u t-tfassil ta' definizzjonijiet skond atti sussegwenti tal-UCITS u materji relatati.

Daww il-miżuri, maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolamentari bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 53b(2).

Artikolu 53b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tat-Titoli Ewropej, imwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE⁷ (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4), flimkien ma' l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha."

⁷

ĠUL 19L 13.7.2001. p. 45.

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ [...] il ġurnata wara li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*